L-evidenza tal-effikaċja ta' topiramate bħala terapija aġġuntiva għall-attakki parzjali tal-bidu bi jew mingħajr ġeneralizzazzjoni sekondarja f'pazjenti pedjatriċi irriżultat minn studju b'aktar minn centrū wieħed ikkontrollat bi plaċebo (YP). Għalkemm ma kisbitx sinifikanza statistika fi grupp speċifiku ta' età ta' 2-5 snin, 6-9 snin, 10-15-il sena u  $\geq 16$ -il sena, it-tendenza ġeneralista tersaq lejn superjorità numerika għall-plaċebo f'kull grupp t'età. Ir-riżultati ġew ippreżentati għall-koorti kollha, u urew effett ta' trattament statistikament sinifikanti fil-grupp ta' pazjenti pedjatriċi kollu. Dan jitqies bħala appoġġ għall-indikazzjoni proposta ta' topimorate bħala terapija aġġuntiva għall-attakki parzjali tal-bidu bi jew mingħajr attakki ġeneralizzati sekondarji fil-popolazzjoni pedjatrika.

- Terapija Aġġuntiva għall-Attakki Toniċi-Kloniċi Ġeneralizzati Primarji (Primary Generalized Tonic-Clonic - PGTC) fl-Adulti u fit-Tfal  
Żewġ studji YTC u YTC-E, esploraw l-effikaċja ta' topiramate bħala terapija aġġuntiva f'pazjenti b'attakki toniċi-kloniċi ġeneralizzati primarji (PGTC). Wieħed mill-istudji sar fl-Istati Uniti/Kosta Rika u l-ieħor sar fl-Ewropa. Topiramate wera tnaqqis fir-rata ta' attakki PGTC fl-istudju Amerikan/Kosta Rika, u meta ż-żewġ studji ngħaqdu flimkien. Ir-riżultati għal prova Ewropea ma kinux konklussivi l-aktar minħabba r-reazzjoni għal plaċebo li kienet akbar minn dik mistennija. Il-MAH jiġiustifika din id-differenza billi jiddikkjara li l-iżbilan fir-rata ta' attakki fil-linjal bażi, fis-severità tal-attakki u fir-rata tal-qtugħ ta' kontinwità selettiv fost il-gruppi, seta' kkontribwixxa għannuqqas ta' valutazzjoni korretta tal-effikaċja ta' topiramate. Din l-ispiegazzjoni kienet ikkunsidrata bħala waħda raġonevoli u l-indikazzjoni proposta għall-użu ta' topiramate bħala terapija aġġuntiva fl-adulti b'attakki toniċi-kloniċi ġeneralizzati primarji tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda appoġġjata bieżżejjed.

L-evidenza għall-appoġġ tal-użu pedjatriku fl-Attakki PGTC għiet ipprovduta minn Studji YTC u YTC-E. Il-MAH ipprovda l-analiżi tad-dejta skont il-grupp ta' età għal kull studju. Għalkemm ma nkisibx sinifikat statistiku fi grupp ta' età partikolari 2-5 snin, 6-9 snin, 10-15-il sena u  $\geq 16$ -il sena, it-tendenza ġeneralista tersaq lejn superjorità numerika għall-plaċebo f'kull grupp ta' età.

Ir-riżulati mill-mudelli ANCOVA jindikaw li l-età ma kellhiex impatt fuq l-effett tat-trattament (valur- $p \geq 0.20$ ) għat-tliet tipi ta' attakki kollha (POS, PGTS, jew LGS). Madankollu m'hemm ebda raġuni fiżjoloġika jew farmakoloġika biex wieħed jissuspetta li l-mekkaniżmu tal-azzjoni tal-mediċina jew il-patofiżjoloġija tal-marda tista' tkun differenti f'tifel ta' età ta' sentejn meta mqabel ma' tifel ta' 10 snin. Għalhekk, huwa raġonevoli li wieħed jaċċetta li jekk l-effikaċja f'indikazzjoni partikolari tkun intweriet fil-popolazzjoni pedjatrika b'mod ġeneralisti, allura dawk ir-riżultati jistgħu jiġi estrapolati għal limitu partikolari ta' età aktar baxx. Mingħajr dubju ta' xejn, hemm evidenza statistikament sinifikanti ta' effikaċja li tidher fil-popolazzjoni pedjatrika in ġeneralisti li tappoġġa t-terapija aġġuntiva fit-tfal b'tipi ta' attakki POS, PGTS, jew LGS. L-età l-aktar baxxa involuta fil-provi kliniċi kienet ta' sentejn.

Għalhekk l-indikazzjoni armonizzata għat-terapija aġġuntiva b'topiramate f'attakki parzjali tal-bidu bi jew mingħajr ġeneralizzazzjoni sekondarja jew attakki toniċi-kloniċi ġeneralizzati primarji fl-adulti u fil-popolazzjoni pedjatrika ġiet appoġġjata mill-CHMP:

*“Terapija aġġuntiva għall-adulti, għall-adoloxxenti u għat-tfal ta’ sentejn u aktar b’attakki parżjali tal-bidu bi jew mingħajr ġeneralizzazzjoni sekondarja jew attakki toniċi-kloniċi ġeneralizzati primarji.....”*

### **Attakki assoċjati mas-sindrome ta’ Lennox-Gastaut (LGS)**

L-użu ta’ topiramate bħala terapija aġġuntiva f’pazjenti (adulti u pedjatriċi) b’LGS ikkurati b’massimu ta’ 2 AEDs ġie appoġġjat bi studju wieħed biss li kien ikkontrollat u pjuttost qasir. Il-ġustifikazzjoni mressqa mill-MAH li din il-limitazzjoni hija dovuta għal numru limitat ta’ suġġetti u ta’ ċentri ta’ studji kkwalifikati disponibbli ġiet ikkunsidrata bħala waħda aċċettabbli. Ir-riżultati pprovduti minn dan l-istudju jsaħħu r-riżultati li ħarġu mill-Istudju YP fi tfal b’Attakk Parżjali tal-Bidu.

Għalkemm ma nkisibx sinifikat statistiku fi grupp pedjatriku partikolari, it-tendenza ġenerali tersaq lejn superjorità numerika għall-plaċebo f’kull grupp ta’ età.

Għalhekk l-indikazzjoni armonizzata li ġejja għat-trattament ta’ attakki assoċjati mas-sindrome ta’ Lennox-Gastaut għet-adottata mill-CHMP. Għall-ġhanijiet ta’ konsistenza sar qbil li ż-żewġ indikazzjonijiet ta’ terapija aġġuntiva jingħaqdu flimkien biex b’hekk taqra kif ġej:

*“Terapija aġġuntiva fit-tfal ta’ età ta’ sentejn u aktar, fl-adoloxxenti u fl-adulti b’attakki parżjali f’daqqa bi jew mingħajr ġeneralizzazzjoni sekondarja jew attakki toniċi-kloniċi ġeneralizzati primarji u għat-trattament ta’ attakki assoċjati mas-sindrome ta’ Lennox-Gastaut.”*

### **Profilassi tal-emigranja**

Fil-popolazzjoni adulta, topiramate b’dożi ugwali għal jew aktar minn 100 mg wera aktar tnaqqis f’attakki ta’ emigranja ta’ kull xahar mill-plaċebo. Fi 2 minn 4 studji, dawn id-differenzi kienu statistikament sinifikanti. Eżi sekondarji ewlenin (rata ta’ risposta, rata ta’ attakki ta’ emigranja, użu ta’ medikazzjoni ta’ salvataġġ) urew risposta konsistenti. Id-doża ta’ 200 mg ma dehritx li tiprovd beneficiċċu addizzjonal. F’wieħed mill-istudji (TOPMAT-MIGR-003), li qabbel topimarate ma’ propranolol, ġie osservat profil ta’ effikaċċja simili.

Dawn ir-riżultati jistgħu jiġu kkunsidrati suffiċċenti biex jappoġġaw l-indikazzjoni proposta. Din l-indikazzjoni hija approvata mir-rakkmandazzjoni jet attwali tat-task force tal-Federazzjoni Ewropea tas-Soċjetajiet Newroloġiċi (European Federation of Neurological Societies - EFNS) (2006) fejn topiramate huwa kkunsidrat bħala medikazzjoni profilattika xierqa tal-ewwel linja għall-emigranja fuq il-bażi ta’ evidenza xjentifika minn provi kliniċi u fuq kunsens espert tal-EFNS.

F’xi pajjiżi, topiramate ġie approvat bħala medikazzjoni profilattika tat-tieni linja għall-emigranja. Il-MAH ma qabilx ma’ din il-proposta filwaqt li ddikjara li fil-provi kollha, ma kienx meħtieġ li l-pazjenti jkunu fallew fuq medikazzjoni jet profilattiċi għall-emigranja. Huwa minnu li l-provi ma kinux imfassla b’mod speċifiku biex jiġi reklutati pazjenti reżistenti għalkemm hemm informazzjoni limitata disponibbli dwar it-tip ta’ pazjenti li finalment kienu involuti fihom (mhux konsapevoli kontra pazjenti li ġew trattati qabel/reżistenti).

Wara diskussjoni estensiva dwar l-użu ta’ topiramate fil-profilassi tal-emigranja, it-test li ġej ġie kkunsidrat bħala wieħed aċċettabbli mill-CHMP:

*“Topiramate huwa indikat fl-adulti għall-profilassi tal-uġġiġ ta’ ras tal-emigranja wara evalwazzjoni bir-reqqa ta’ opzjonijiet ta’ trattament alternativi possibbli. Topiramate mhuwiex intenzjonat għat-trattament akut.”*

## **4.2 – Pożoloġija**

### **Monoterapija għall-epilessija fit-tfal u fl-adulti**

Rigward il-pożoloġija għal topiramate, b’mod ġenerali, l-iskedi ta’ titrazzjoni fil-monoterapija u fit-terapija aġġuntiva fis-Sejjoni 4.2 Pożoloġija tal-SPC huma konsistenti fl-SPCs tal-Istati Membri kollha, għalkemm hemm differenzi skont il-medda ta’ età għall-użu.

Id-dożaġġ irrakkomandat għall-monoterapija ta' 100 – 200 mg kuljum bħala d-doża fil-mira inizjali u d-doża massima ta' kuljum ta' 500 mg kuljum fil-monoterapija għall-adulti, u d-doża fil-mira inizjali ta' 100 mg kuljum skont ir-reazzjoni klinika fit-tfal ta' sitt snin u aktar ġie rrakkomandat mill-CHMP għall-użu.

### **Terapija aġġuntiva għall-epilessija fit-tfal u fl-adulti**

- Attakki parzjali f'daqqa b'ġeneralizzazzjoni sekondarja jew mingħajr, attakki toniċi-kloniċi ġeneralizzati primarji, jew
- Attakki assoċjati mas-sindromu Lennox-Gastaut

Medda ta' doża effikaċi ta' 200-400 mg kuljum għall-adulti ġiet approvata mill-CHMP. Titrażżjoni tad-doża inkrementali massima ta' kull ġimħa ġiet emendata għal 50 mg kuljum, kontra dik ta' 100 mg kuljum. Il-CHMP qabel mal-kliem li ġej għall-adulti:

*“Adulti*

*It-terapija għandha tibda b'25-50 mg kull lejl għal ġimħa. L-użu ta' dożi inizjali aktar baxxi ġie rrappurtat, iżda ma ġiex studjat b'mod sistematiku. Għalhekk, f'intervalli ta' kull ġimħa jew ta' kull ġimħtejn, id-doża għandha tiżid b'25-50 mg kuljum u għandha tittieħed f'żewġ dożi diviżi. Xi pajżjeni jisgħu jiksbu l-effikaċja b'dożaġġ ta' darba kuljum.*

*Fi provi kliniċi bħala terapija aġġuntiva, id-doża effikaċi l-aktar baxxa kienet ta' 200 mg. Id-doża normali ta' kuljum hija ta' 200-400 mg f'żewġ dożi diviżi.”*

Id-doża totali ta' kuljum rakkomandata ta' madwar 5 - 9 mg/kg/kuljum f'żewġ dożi diviżi bħala terapija aġġuntiva fil-popolazzjoni pedjatrika (tfal ta' età ta' sentejn u akbar) ġiet approvata mill-CHMP.

Ġew iddiċċjarati rakkomandazzjonijiet ta' dożaġġ għal dawk li jbatu bil-kliewi. Ebda aġġustament fid-doża ma huwa rrakkomandat għall-anzjani, bil-kundizzjoni li l-kliewi jkunu għadhom jaħdmu sew. Informazzjoni dwar id-dożaġġ f'pazjenti bi problemi epatiċi ġiet ipprovduta wkoll.

### **Profilassi tal-emigranja**

It-titraqżżoni tad-doża ssuġġerita ta' 25mg/kuljum għal ġimħa b'żidiet ta' 25mg kull ġimħa ġiet approvata mill-CHMP.

Ebda suġġett pedjatriku ma ġie investigat fi kwalunkwe wieħed mill-istudji dwar l-emigranja u għalhekk ma saret ebda dikjarazzjoni dwar l-effikaċja jew is-sigurtà.

### **4.3 – Kontra-indikazzjonijiet**

Kontra-indikazzjoni għall-użu ta' topiramate għall-**indikazzjoni tal-epilessija** waqt it-tqala u fin-nisa ta' età li fiha jista' jkollhom it-tfal jekk ma jkunux qeqħdin jużaw metodi effikaċi ta' kontraċċezzjoni, ma ġietx ikkunsidrata meħtieġa mill-CHMP. Fis-sezzjoni 4.6 ġie nkluż parir xieraq dwar ir-riskji tat-trattament għall-omm u għall-fetu u dwar ir-riskji jekk l-epilessija matul it-tqala ma tiġix ikkurata (ara s-sezzjoni 4.6 tal-SPC).

Kontraindikazzjoni għall-użu ta' topiramate għall-**indikazzjoni tal-profilassi tal-emigranja** matul it-tqala u f'nisa ta' età li fiha jista' jkollhom it-tfal jekk ma jkunux qeqħdin jużaw metodi effikaċi ta' kontraċċezzjoni għiet inkluża fl-SPC fis-sezzjonijiet 4.3 u 4.6.

### **4.4 - Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

Disturbi fil-burdata/depressjoni u tendenza għas-suwiċidju, mijopija akuta u glawkoma sekondarja b'angolu magħluq u aċidożi metabolika ġew inklużi u identifikati bħala riskju importanti fil-Pjan tal-Ġesjoni tar-Riskji (Risk Management Plan - RMP). Ġew inklużi wkoll dikjarazzjoni jiet ta' twissija li topiramate għandu jintuża bi prekawzjoni f'pazjenti b'kundizzjoni jiet jew bi trattamenti li

jirrappreżentaw fattur ta' riskju għad-dehra ta' aċidożi metabolika kif ukoll li l-istorja ta' disturb i-fl-għajnejn tal-pazjent għandha tiġi kkunsidra meta jiġi kkurat b'topiramate.

Ġie osservat li t-telf fil-piż huwa karatteristika pertinenti tat-trattament b'topiramate f'xi pazjenti u ġiet inkluża twissija li tiddikjara li l-pazjenti fuq trattament fuq żmien twil b'topiramate għandhom jintiżu u jiġi mmonitorjati b'mod regolari għal telf fil-piż kontinwu.

Għadu ma ġiex iċċarat bis-sħiħ jekk topiramate jistax ikollu xi effett fuq l-ġħadam (jiġifieri minbarra minn dak deskritt għall-aċidożi metabolika) u bħala konsegwenza fuq l-iżvilupp tal-ġisem. Il-valutazzjoni ta' dejta pedjatrika hija prevista li sseħħ fil-futur qrib u fil-preżent, ebda miżura addizzjonali ma tidher li hija meħtieġa.

Barra minn hekk, il-CHMP appoġġa t-tħassir ta' kwalunkwe aċċenn għall-interkambjalitā ta' prodotti differenti ta' topiramate f'pazjenti individwali, fl-informazzjoni dwar il-prodott.

#### **4.5 - Prodotti mediciinati oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

Ġiet ippreżentata dejta li tappogġġa t-test propost dwar l-interazzjonijiet possibbli ta' topiramate ma' kontraċettivi orali u risperidone. Jidher li jista' jkun hemm tnaqqis fil-parametri kollha mkejla (Cmax, Tmax u AUC) għal Ethinyl Estradiol assoċjati ma' amministrazzjoni fl-istess ħin ta' topiramate fl-istudju tal-epilessija. Twissija xierqa dwar l-effett li l-possibbiltà ta' tnaqqis fl-effikaċja tal-kontraċezzjoni u ż-żieda ta' fsada mhux f'waqtha għandha tiġi kkunsidra f'pazjenti li jkunu qiegħdin jieħdu prodotti kontraċettivi orali kkombinati ma' Topamax ġiet inkluża u hija appoġġata mill-CHMP.

Ma jidher li m'hemm ebda differenza statistikament sinifikanti bejn il-konċentrazzjoni tal-plażma ta' risperidone meta jiġi amministrat fl-istess ħin ma' topiramate f'suġġetti b'saħħithom jew f'pazjenti b'Disturb Bipolari. Il-kliem tal-SPC propost jirrifletti d-differenza mhux sinifikanti li dehret fil-konċentrazzjoni u jikkonkludi bix-xieraq li hemm possibbiltà żgħira li l-interazzjoni tkun ta' sinifikanza klinika. Minħabba li hija osservata żieda fin-numru ta' episodji avversi (kif ukoll li l-AEs wasslu għal twaqqif tal-istudju) meta risperidone u topiramate jingħataw fl-istess ħin, il-kliem ta' dan is-subsezzjoni ġie emendat xi fit. Il-kliem propost f'din is-sezzjoni huwa kkunsidrat bħala aċċettabbi mill-CHMP.

Barra minn hekk, dikjarazzjoni dwar l-interazzjoni ta' topiramate ma' St John's Wort ġiet inkluża wkoll fl-Informazzjoni dwar il-Prodott.

#### **4.6 - Tqala u Treddiġ**

Il-MAH ipprovda reviżjoni ta' kollezzjonijiet ta' dejta mid-database tal-farmakoviġilanza u r-reġistri tat-tqala prospettivi tal-J&J PRD stess, li identifikaw riskji potenzjali għall-fetu ta' nisa tqal li jkunu qiegħdin jiġu trattati b'topiramate. Għalkemm reviżjoni tal-letteratura ppreżentata mill-MAH tindika li hemm beneficija potenzjali fl-użu ta' trattament profilattiku kontra l-emigranja fin-nisa tqal li jbatu mill-emigranja, huwa ġust li wieħed jgħid li l-maġġoranza l-kbira tal-emigranja titjeb waqt it-tqala, għalkemm iċ-ċifri eżatti minn studji jvarjaw. F'dawk in-nisa li jeħtieġ trattament profilattiku għall-emigranja, aġġent li ma jkunx intwera li huwa teratoġeniku fi tliet speċi ta' animali b'doża baxxa, huwa ppreferut.

L-istudji li juru assoċjazzjoni bejn l-okkorrenza ta' pressjoni għolja ta' matul it-tqala jew pre-eklempsija b'mod aktar komuni f'nisa b'emigranja ma jagħtux prova ta' relazzjoni kawżali bejn l-emigranja u pre-eklempsija jew pressjoni għolja. Ebda studju ma wera li kontroll tajjeb tal-emigranja jimpedixxi pressjoni għolja ta' matul it-tqala jew pre-eklempsija. Bl-istess mod, ma nghatħatx prova tar-rabta bejn l-emigranja u attakk ta' puplesija iskemiku. Attwalment m'hemm ebda evidenza li lprofilassi tal-emigranja matul it-tqala tnaqqas ir-riskju ta' attakk ta' puplesija.

Il-CHMP huwa tal-opinjoni li l-kontraindikazzjoni għall-użu ta' topiramate għall-indikazzjoni ta' profilassi tal-emigranja matul it-tqala u ta' età li fiha jista' jkollhom it-tfal mingħajr kontraċezzjoni

adegwata hija ġġustifikata fuq il-bażi tat-turija ta' teratoġeniċità ta' topiramate fi tliet speċi ta' animali u d-disponibbiltà ta' trattamenti alternattivi akuti jew profilattiċi għall-emigranja matul it-tqala li ma wrewx li huma teratoġeniċi fi tliet speċi ta' animali.

Fejn m'hemmx biżżejjed dejta għall-bniedem iżda evidenza ta' riskju mill-istudji fuq l-animali u d-disponibbiltà ta' trattamenti alternattivi aktar siguri, kontraindikazzjoni għall-użu waqt it-tqala hija ġġustifikata. Kif inhu rrakkomandat mill-CHMP, il-kontraindikazzjoni għall-użu ta' topiramate għall-profilassi tal-emigranja matul it-tqala jew fin-nisa li jistgħu jkunu tqal mingħajr kontraċezzjoni adegwata għiet inkluża mill-MAH għall-indikazzjoni tal-profilassi tal-emigranja.

### **5.3 - Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina**

Bħala parti mill-applikazzjoni inizjali, il-MAH issottometta pakkett mhux kliniku shiħi bħala appoġġ għar-reġistrazzjoni tal-prodott inkluż pakkett komplut ta' rapporti dwar it-tossikoloġija riproduttiva. Ma kien hemm ebda dejta tossikoloġika ġdida ppreżentata mill-MAH bħala appoġġ għal topiramate, appartu studju dwar it-tossiċità orali fil-firien żgħar.

L-istudji embrijofetali juru evidenza ċara tal-potenzjal teratoġeniku ta' topiramate. Il-fatt li dan l-effett seta' jiġi prodott mill-ġdid u kien osservat fi tliet speċi, kemm fl-animali gerriema kif ukoll f'dawk mhux gerriema jissuġġerixxi li hemm riskju potenzjali għall-bniedem.

## **RAĠUNIJIET GĦALL-EMENDAR TAS-SOMMARJU TAL-KARRATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, IT-TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

Billi

- l-ambitu tar-referenza kien l-armonizzazzjoni tas-Sommarju tal-Karratteristiċi tal-Prodotti, tat-tikketta u tal-fuljett ta' tagħrif.

- is-Sommarju tal-Karratteristiċi tal-Prodotti, it-tikketta u l-fuljett ta' tagħrif proposti mid-Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq ma ġewx ivvalutati fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni sottomessa u d-diskussjoni xjentifika fi ħdan il-Kumitat,

il-CHMP irrakkomanda l-emendar tal-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq li għalihom, is-Sommarju tal-Karratteristiċi tal-Prodott, it-tikketta u l-fuljett ta' tagħrif huma stabbiliti fl-Anness III għal Topamax u ismijiet assoċċjati (ara Anness I).

### **ANNESS III**

#### **SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF**

**Nota: Dan l-SPC, it-tikketta u l-fuljett ta' tagħrif, huma fil-verżjoni valida ta' meta ġiet  
meħudha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.**

**Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-istati Membri, flimkien ma' l-  
Istat Membru ta' Referenza se jaġġornaw l-informazzjoni tal-prodott kif meħtieġ.  
Għalhekk dan l-SPC, tikketta u l-fuljett ta' tagħrif mhux neċessarjament jirrapreżentaw  
il-kontenut attwali.**

## **SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Topamax u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 25 mg miksijin b'rita  
Topamax u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 50 mg miksijin b'rita  
Topamax u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 100 mg miksijin b'rita  
Topamax u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) pilloli ta' 200 mg miksijin b'rita

Topamax u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) kapsuli iebsin ta' 15 mg  
Topamax u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) kapsuli iebsin ta' 25 mg  
Topamax u ismijiet assoċjati miegħu (ara Anness I) kapsuli iebsin ta' 50 mg

[Ara Anness 1 - biex timtela mill-pajjiż partikolari]

## **2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## **3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Pilloli miksijin b'rita

Kapsuli iebsin

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

## **4. TAGħrif KLINIKU**

### **4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi**

Monoterapija fl-adulti, fl-adoloxxenti u fit-tfal li għandhom aktar minn 6 snin b'aċċessjonijiet parzjali b'aċċessjonijiet sekondarji ġeneralizzati jew mingħajrhom, u aċċessjonijiet primarji ġeneralizzati *tonic-clonic*.

Terapija miżjudha fit-tfal mill-età ta' sentejn 'il fuq, fl-adoloxxenti u fl-adulti b'attakki ta' aċċessjonijiet parzjali b'ġeneralizzazzjoni sekondarja jew mingħajrha jew aċċessjonijiet primarji ġeneralizzati *tonic-clonic* u għall-kura ta' aċċessjonijiet assoċjati mas-sindrome ta' Lennox-Gastaut.

Topiramate huwa indikat fl-adulti għall-profilassi tal-uġġiġ ta' ras tal-emigranja wara evalwazzjoni magħmula b'reqqa ta' għażiż possibli ta' kuri alternattivi. Topiramate mħuwiex intenzjonat għall-kura akuta.

### **4.2 Pożoġi u metodu ta' kif għandu jingħata**

#### Ġenerali

Huwa rrakkommardat li l-kura tinbeda f'doża żgħira segwita minn titrazzjoni sad-doża effettiva. Id-doża u r-rata ta' titrazzjoni għandha tkun iggwidata mir-rispons kliniku.

Topamax huwa disponibbli f'pilloli miksijin b'rita u f'formulazzjoni ta' kapsula iebsa. Huwa rrakkommardat li l-pilloli miksijin b'rita ma jinqasmux. Il-kapsula iebsa hija pprovduta għal dawk il-pazjenti li ma jistgħux jibilgħu pilloli, eż- t-tfal u l-anzjani.

Kapsuli iebsin ta' Topamax jinstgħu jinbelgħu sħaħ jew jistgħataw billi b'attenzjoni tiftaħ il-kapsula u troxx il-kontenut kollu fuq ammont żgħir (kuċċarina) ta' ikel artab. Din it-tħalliha ta' prodott mediċinali u ikel għandha tinbela immedjatament mingħajr ma tomogħdha. Hija m'għandiex tinħażen għal użu aktar tard.

M'huxiex meħtieġ li timmonitorja l-konċentrazzjonijiet ta' topiramate fil-plasma biex ikkolok l-aħjar kura b'Topamax.

F'okkazzjonijiet rari, iż-żieda ta' topiramate ma' pheytojn jista' jinħtieġ aġġustament tad-doża ta' phenytoin biex jinkiseb l-aħjar riżultat kliniku. B'żieda jew twaqqif ta' phenytoin u carbamazepine bħala kura miżjudha ma' Topamax jista' jinħtieġ aġġustament fid-doża ta' Topamax.

Topamax jista' jittieħed mingħajr il-bżonn li jittieħed ma' l-ikel.

F'pazjenti bi storja ta' aċċessjonijiet jew epilessija jew mingħajrha, mediċini kontra l-epilessija inkluż topiramate għandhom jitwaqqfu bil-mod il-mod biex titnaqqas il-possibbiltà ta' aċċessjonijiet jew żieda fil-frekwenza tal-aċċessjonijiet. Fi provi kliniċi, dożi mogħtija kuljum kienu jiġu mnaqqsa b'50-100 mg kull ġimħa fl-adulti bl-epilessija u b'25-50 mg f-adulti li kien qed jirċievu dożi sa 100 mg/jum għal profilassi tal-emigranja. Fi provi kliniċi fit-tfal, topiramate twaqqaf bil-mod il-mod fuq perjodu ta' bejn ġimħatejn u 8 ġimħat.

### Epilessija b'Monoterapija

#### *Ġenerali*

Meta mediċini kontra l-epilessija (AEDs) konkomitanti jitwaqqfu biex tinkiseb monoterapija b'topiramate, għandhom jiġu kkunsidrati l-effetti li dan jista' jkollu fuq il-kontroll tal-aċċessjonijiet. Sakemm minħabba tħassib dwar is-sigurta ma jkunx jinħtieġ twaqqif malajr tal-AED konkomitanti, twaqqif bil-mod il-mod b'rata ta' bejn wieħed u ieħor terz tad-doża tal-AED konkomitanti kull ġimħatejn huwa rakkommadat.

Meta prodotti mediċinali indutturi tal-enzimi jitwaqqfu, il-livelli ta' topiramate se jiżdiedu. Tnaqqis fid-doża ta' Topamax (topiramate) tista' tinħtieġ jekk huwa klinikament indikat.

#### *Adulti*

Id-doża u t-titrazzjoni għandhom ikunu għwidati mir-rispons kliniku. Titrazzjoni għandha tinbeda b'25 mg kull lejl għal ġimħa. Id-doż-żiegħ imbagħad, f'intervalli ta' darba jew darbtejn fil-ġimħa, għandu jiżdied b'25 jew 50 mg/jum bid-doża totali mogħtija maqsuma f'darbtejn. Jekk il-pazjent ma jistax jittolera din it-titrazzjoni, jistgħu jintużaw żiediet iż-żidiet iż-żidiet.

Id-doża tal-bidu rakkommadata li trid tinkiseb għal monoterapija b'topiramate fl-adulti hija ta' 100 mg sa 200 mg maqsuma f'darbtejn kuljum. L-ogħla doża rakkommadata hija ta' 500 mg maqsuma f'darbtejn kuljum. Xi pajjenti b'forom ta' epilessija refrattorja ttolleraw monoterapija b'topirammate f'dożi ta' 1,000 mg kuljum. Dawn ir-rakkommazzjonijiet tad-dożi jaapplikaw għall-adulti kollha inkluż l-anzjani fin-nuqqas ta' mard tal-kliewi.

#### *Tfal (tfal li għandhom età ta' iktar minn 6 snin)*

Id-doża u r-rata ta' titrazzjoni fit-tfal għandha tkun iggwidata mir-riżultat kliniku. Kura ta' tfal li għandhom età ta' iktar minn 6 snin għandha tibda b'0.5 sa 1 mg/kg kull lejl għall-ewwel ġimħa. Id-doż-żiegħ imbagħad f'intervalli ta' darba jew darbtejn fil-ġimħa, għandu jiżdied b'0.5 sa 1 mg/kg/jum, u jingħata maqsum f'darbtejn kuljum. Jekk it-tifel/tifla ma jistgħux jittolleraw din it-titrazzjoni, jistgħu jintużaw żidiet iż-żidiet iż-żidiet.

Il-medda tad-doża inizjali rakkommadata li trid tinkiseb għal monoterapija b'topiramate fit-tfal li għandhom iktar minn 6 snin hija ta' 100 /jum skond ir-rispons kliniku (din hija madwar 2.0mg/kg/jum fi tfal ta' bejn is-6 snin u s-16-il sena).

Epilessija b'kura miżjuda (attakki ta' aċċessjonijiet parżjali b'ġeneralizzazzjoni sekondarja jew mingħajrha, aċċessjonijiet tonic-clonic primarjament ġeneralizzati, jew aċċessjonijiet assoċjati mas-sindrom Lennox-Gastaut)

#### *Adulti*

Il-kura għandha tinbeda b'25 mg-50 mg kull lejl għal ġimgħa. L-użu ta' dożi tal-bidu aktar baxxi kien rrapurtat, iżda għadu ma ġiex studjat b'mod sistematiku. Sussegwentement, f'intervalli ta' darba jew darbejn fil-ġimgħa, id-doża għandha tiżdied b'25-50 mg/jum u tittieħed maqsuma f'darbtejn. Xi pazjenti jistgħu jiksbu effikaċja b'doża mogħtija darba kuljum.

Fi provi kliniċi, bħala kura miżjuda, 200 mg kienet l-aktar doża baxxa li kienet effettiva. Id-doża ta' kuljum tas-soltu hija minn 200 mg - 400 mg maqsuma fuq darbtejn kuljum.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet tad-doża jaapplikaw għall-adulti kollha, inkluż l-anzjani, fin-nuqqas ta' mard tal-kliewi (ara sezzjoni 4.4).

#### *Tfal (tfal li għandhom minn sentejn 'il fuq)*

Id-doża totali ta' Topamax (topiramate) rakkommadata li tittieħed kuljum bħala kura miżjuda hija bejn wieħed u ieħor minn 5 sa 9 mg/kg/jum maqsuma f'darbtejn. Titrazzjoni għandha tibda b'25 mg (jew anqas, fuq bażi ta' medda bejn 1 u 3 mg/kg/jum) kull lejl għall-ewwel ġimgħa. Id-dożaġġ imbagħad għandu jiżdied kull ġimgħa jew ġimgħatejn b'minn 1 sa 3 mg/kg/jum (mogħtija maqsuma f'darbtejn), biex jinkiseb l-aħjar respons kliniku.

Dożi sa 30 mg/kg/jum ġew studjati u ġeneralment kienu ttollerati tajjeb.

#### Emigranja

#### *Adulti*

Id-doża totali ta' topiramate rakkommadata kuljum għall-profilassi ta' emigranja hija ta' 100 mg/jum mogħtija maqsuma f'darbtejn. Titrazzjoni għandha tibda b'25 mg kull lejl għal ġimgħa. Id-dożaġġ imbagħad għandu jiżdied b'25 mg/jum b'intervalli ta' ġimgħa. Jekk il-pazjent ma jistax jittoller din it-titrazzjoni, intervalli itwal bejn aġġustamenti fid-doża jistgħu jintużaw. Xi pazjenti jistgħu jesperjenzaw beneficiju b'doża totali ta' 50 mg/jum. Pazjenti rċievew doża totali sa 200 mg/jum. Din id-doża tista tkun ta' beneficiju għal f'xi wħud mill-pazjenti, madankollu, għandha tigħi rrikmandata l-kawtela minħabba żieda fl-inċidenza tal-effetti avversi.

#### *Tfal*

Topamax (topiramate) m'huwiex rakkommamat għal kura jew prevenzjoni ta' emigranja fit-tfal minħabba li m'hemmx bizzżejjed informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja.

#### Rakkomandazzjonijiet ġenerali għal għoti ta' dożi ta' Topamax f'popolazzjonijiet ta' pazjenti speċjali

#### *Indeboliment tal-kliewi*

F'pazjenti b'indeboliment fil-funzjoni tal-kliewi ( $CL_{CR} \leq 60 \text{ mL/min}$ ) topiramate għandu jingħata b'kawtela minħabba li t-tnejħiha ta' topiramate mill-plażma u mill-kliewi tonqos. Individwi li huma magħrufa li għandhom indeboliment tal-kliewi jista' jkollhom bżonn aktar tul ta' żmien biex jilħqu l-istat fiss f'kull doża.

F'pazjenti b'insuffiċjenza tal-kliewi tal-aħħar stadju, minħabba li topiramate jitneħħa mill-plażma permezz tad-dijalisi tad-demm, doża supplimentari ta' Topamax daqs bejn wieħed u ieħor nofs id-doża ta' kuljum għandha tingħata fil-ġranet tad-dijalisi tad-demm. Id-doża supplimentari għanda tingħata

maqsuma f'dożi fil-bidu u wara li titlesta il-proċedura tad-dijalisi tad-demm. Id-doża supplimentari tista' tvarja skont il-karatteristiċi tal-apparat tad-dijalisi li jkun qed jintuża.

### *Indeboliment tal-fwied*

F'pazjenti b'indeboliment minn moderat sa qawwi tal-fwied topiramate għandu jingħata b'kawtela minħabba li t-tnejħija ta' topiramate tonqos.

### *Anzjani*

L-ebda aġġustamenti tad-doża ma huma meħtieġa fil-popolazzjoni anzjana sakemm il-funzjoni tal-kiewi mhijiex mimsusa.

### **4.3 Kontra-indikazzjonijiet**

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal xi sustanzi mhux attivi.

Profilassi tal-emigranja fit-tqala u f'nisa li jista' jkollhom it-tfal jekk dawn ma jkunux qed jużaw metodi effettivi ta' kontraċċejjoni.

### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

F'sitwazzjonijiet fejn għal raġuni medika jkun meħtieġ it-twaqqif malajr ta' topiramate, monitoraġġ xieraq huwa rakkommardat (ara sezzjoni 4.2 għal aktar dettalji).

Bħal b'mediċini oħra kontra l-epilessija, xi pazjenti jistgħu jesperjenzaw żieda fil-frekwenza tal-aċċessjonijiet jew attakki ta' tipi ta' aċċessjonijiet ġodda b'topiramate. Dawn il-fenomeni jistgħu jkunu konsegwenza ta' doża eċċessiva, ta' tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tal-plażma ta' mediċini kontra l-epilessija li jintużaw b'mod konkomitanti, avvanz tal-marda, jew effett paradossal.

Idratazzjoni adegwata waqt l-użu ta' topiramate hija importanti ħafna. L-idratazzjoni tista' tnaqqas ir-riskju ta' nefrolitiasi (ara hawn taħt). Idratazzjoni kif imiss qabel u waqt attivitā bħal eżerċizzju jew esponenti għal temperaturi sħan tista' tnaqqas ir-riskju ta' reazzjonijiet avversi li għadhom x'jaqsmu mas-ħana (ara sezzjoni 4.8).

### Disturbi fil-burdata/depressjoni

Inċidenza ogħla ta' disturbi fil-burdata u depressjoni ġew osservati waqt kura b'topiramate.

### Suwiċidju/ħsiebijiet ta' suwiċidju

Ħsiebijiet u komportament ta' suwiċidju kienu rrappurtati f'pazjenti ikkurati b'sustanzi kontra l-epilessija għal diversi indikazzjonijiet. Meta-analiżi ta' provi ta' mediċini kontra l-epilessija *randomised* ikkontrollati bi plaċebo wrew żieda żgħira fir-riskju ta' ħsiebijiet u komportament ta' suwiċidju. Il-mekkaniżmu ta' dan ir-riskju m'huiwex magħruf u t-tagħrif disponibbli ma jeskludix il-possibilità ta' żieda fir-riskju għal topiramate.

Fi provi kliniċi double-blind, każijiet relatati ma' suwiċidju (SREs) (ħsiebijiet ta' suwiċidju, attentati ta' suwiċidju u suwiċidju) seħħew bi frekwenza ta' 0.5% f'pazjenti kkurati b'topiramate (46 minn 8,652 pazjent ikkurat) u bi kważi inċidenza ta' 3-darbiet ogħla minn dawk ikkurati bi plaċebo (0.2%, 8 minn 4,045 pazjent ikkurat).

Il-pazjenti għalhekk għandhom jiġu mmonitorjati għal sinjali u sintomi ta' komportament u ħsiebijiet ta' suwiċidju u kura xierqa għandha tiġi kkunsidrata. Pazjenti (u persuni li jieħdu ħsieb il-pazjenti) għandhom ifittxu parir mediku jekk kemm-il darba jfiġġu sinjali ta' ħsiebijiet jew komportament ta' suwiċidju

## Nefrolitijasi

Xi pazjenti, speċjalment dawk bi predispożizzjoni għal nefrolitijasi, jistgħu jkunu f'riskju ogħla għal tiswir ta' ġebla fil-kilwa u sinjali u sintomi assoċjati magħha bħal kolika tal-kliewi, uġiġi fil-kliewi jew uġiġi fil-ġenb taż-żaqq.

Fatturi ta' riskju għal nefrolitijasi jinkludu tiswir ta' ġebla li ġrat digħa qabel, storja fil-familja ta' nefrolitijasi u iperkalċjurja. L-ebda wieħed mill-fatturi ta' riskju ma jista' jbassar b'mod ta' min joqogħod fuqu t-formazzjoni ta' ġebla waqt kura b'topiramate. Flimkien ma' dan, pazjenti li qed jieħdu prodotti mediċinali oħra assoċċjati man-nefrolitijasi jistgħu jkunu f'riskju akbar.

## Funzjoni mnaqqsa tal-fwied

F'pazjenti b'indeboliment tal-fwied, topiramate għandu jingħata b'attenzjoni minħabba li t-tnejħija ta' topiramate tista' tkun mnaqqsa.

## Mijopija akuta u glawkoma sekondarja tat-tip *angle closure*

Sindrome li jikkonsisti f'mijopija akuta assoċjata ma' glawkoma sekondarja tat-tip *angle closure* għet irrappurtata f'pazjenti li qed jiċċevu topiramate. Sintomi jinkludu attakk akut ta' tnaqqis fl-akutezza tal-vista u/jew uġiġi fl-ġħajnejn. Sejbiet oftalmoloġiċi jistgħu jinkludu mijopija, kavità anterjuri li titbaxxa, iperimija (ħmura) fl-ġħajnejn u żieda fil-pressjoni ta' ġo l-ġħajnejn. Midrijsi tista' tkun jew ma tkunx preżenti. Dan is-sindrome jista' jkun assoċjat ma' effużjoni supraċiljari li jwassal għal spostament anterjuri tal-lenti u l-iris, bi glawkoma sekondarja tat-tip *angle closure*. Is-sintomi tipikament iseħħu fi żmien xahar minn meta tinbeda kura b'topiramate. F'kuntrast ma' glawkoma primarja tat-tip *narrow angle*, li hija rari taħt l-40 sena, glawkoma sekondarja tat-tip *angle closure* assoċjata ma' topiramate kienet irrappurtata fi tfal kif ukoll fl-adulti. Kura tinkludi t-twaqqif ta' topiramate, kemm jista' jkun malajr skond il-fehma tat-tabib li qed jikkura, u miżuri xierqa biex titnaqqas il-pressjoni fl-ġħajnejn. Dawn il-miżuri l-biċċa l-kbira jirriżultaw fi tnaqqis fil-pressjoni ta' ġo l-ġħajnejn.

Pressjoni għolja fl-ġħajnejn ta' kwalunkwe etjoloġija, jekk ma tiġix ikkurata, tista' twassal għal sintomi morbużi serji inkluż telf tad-dawl permanenti.

Għandha tittieħed deċiżjoni dwar jekk pazjenti bi storja ta' disturbi fl-ġħajnejn għandhomx jiġu kkurati b'topiramate.

## Aċidożi metabolika

Aċidożi metabolika, iperkloremika, *non-anion gap* (i.e. bikarbonat tas-serum imnaqqas li jaqa' taħt il-medda normali ta' riferenza fin-nuqqas ta' alkalożi respiratorja) hija assoċjata ma' kura b'topiramate. Dan it-tnaqqis fil-bikarbonat tas-serum isehħi imħabba l-effett impeditorju ta' topiramate fuq il-carbonic anhydrase tal-kliewi. Ġeneralment, it-tnaqqis fil-bikarbonat jseħħi fil-bidu tal-kura għalkemm jista' jseħħi fi kwalunkwe ħin waqt il-kura. Dan it-tnaqqis huwa l-biċċa l-kbira ħafif sa moderat (tnaqqis medju ta' 4 mmol/l f'dożi ta' 100 mg/jum jew aktar fl-adulti u bejn wieħed u ieħor b'6mg/kg/jum fit-tfal). B'mod rari, pazjenti esperjenzaw tnaqqis għal valuri anqas minn 10 mmol/l. Kundizzjonijiet jew kuri li jippreċċi għal aċidożi (bħal mard tal-kliewi, disturbi respiratorji qawwija, status epilepticus, dijarea, kirurġija, dieta ketoġenika, jew ċerti prodotti mediċinali) jistgħu jżidu ma' l-effett ta' topiramate li jnaqqas il-bikarbonat.

Aċidożi metabolika kronika żżid ir-riskju ta' tiswir ta' ġebla fil-kliewi u jista' jkun hemm il-possibiltà li twassal għal ostjopenja.

Aċidożi metabolika kronika fit-tfal tista' tnaqqas ir-rati ta' kemm dawn jikbru. L-effett ta' topiramate fuq sintomi morbużi li għandhom x'jaqsmu ma' l-għadam ma ġewx investigati sistematikament fil-popolazzjonijiet tat-tfal u l-adulti.

Skond kundizzjonijiet oħra li diġà jeżistu, evalwazzjoni xierqa inkluż livelli ta' bikarbonat fis-serum hija rakkommadata b'kura ta' topiramate. Jekk tiżviluppa aċidożi metabolika li tippersisti, għandu jiġi kkunsidrat tnaqqis fid-doża jew twaqqif ta' topiramate (bi tnaqqis tad-doża ftit ftit għal xejn għal xejn).

Topiramate għandu jintuża b'kawtela f'pazjenti b'kundizzjonijiet jew kuri li jirrapreżentaw fattur ta' riskju li tfiġġ aċidożi metabolika.

#### Supplimentar ta' nutrizzjoni

Xi pazjenti jistgħu jitilfu l-piż waqt li jkunu fuq kura b'topiramate. Huwa rrakkommandat li pazjenti fuq kura b'topiramate jiġu mmonitorjati għal telf ta' piż. Suppliment mad-dieta jew żieda fl-ikel jistgħu jiġi kkunsidrati jekk il-pazjent ikun qed jittlef il-piż waqt li jkun qed jieħu topiramate.

#### Intolleranza għal-lactose

Topamax fih lactose. Pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' intolleranza għal galactose, defiċjenza tal-Lapp lactase jew malassorbiment tal-glucose-galactose m'għandhomx jieħdu din il-mediċina.

#### **4.5 Prodotti mediciinati oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarjiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

##### Effetti ta' Topamax fuq prodotti mediciinati oħra kontra l-epilessija

Iż-żieda ta' Topamax ma' mediċini oħra kontra l-epilessija (phenytoin, carbamazepine, valproic acid, phenobarbital, primidone) m'għandu l-ebda effett fuq il-konċentrazzjonijiet tagħhom fl-istat fiss tal-plasma, minbarra f'xi pazjent li kultant, iż-żieda ta' Topamax ma' phenytoin tista' twassal għal żieda fil-konċentrazzjonijiet ta' phenytoin fil-plasma. Dan jista' jkun imħabba impediment ta' isoforma polimorfika ta' enzima speċifika (CYP2C19). Bħala konsegwenza, kwalunkwe pazjent fuq phenytoin li juri sinjali jew sintomi kliniċi ta' tosсиċità għandu jkollu l-livelli ta' phenytoin immonitorjati.

Studju ta' interazzjoni farmakokinetika ta' pazjenti bl-epilessija indika li ż-żieda ta' topiramate ma' lamotrigine ma kellha l-ebda effett fuq il-konċentrazzjonijiet fl-istat fiss ta' lamotrigine fil-plasma b'dożi ta' topiramate minn 100 sa 400 mg/jum. Flimkien ma'dan ma kien hemm l-ebda tibdil fil-konċentrazzjonijiet fl-istat fiss ta' topiramate fil-plasma waqt jew wara li tneħħiet il-kura b'lamotrigine (doża medja ta' 327 mg/jum).

Topiramate jimpedixxi l-enzima CYP 2C19 u jista' jinterferixxi ma' sustanzi oħra mmetabolizzati permezz ta' din l-enzima (eż., diazepam, imipramin, moclobemide, proguanil, omeprazol).

##### Effetti ta' prodotti mediciinati oħra kontra l-epilessija fuq Topamax

Phenytoin u carbamazepine jnaqqsu l-konċenterazzjonijiet ta' topiramate fil-plasma. Iż-żieda jew it-twaqqif ta' phenytoin jew carbamazepine ma' kura b' Topamax tista' toħloq il-bżonn ta' aġġustament fid-doża ta' dan ta' l-aħħar. Dan għandu jsir billi ssir titrazzjoni tad-doża sakemm jinkiseb effett kliniku. Iż-żieda jew it-twaqqif ta' valproic acid ma tipproduċix tibdil klinikament sinifikanti fil-konċentrazzjonijiet ta' Topamax fil-plasma u, għalhekk, ma joħloqx il-bżonn ta' aġġustament fid-doża ta' Topamax. Ir-riżultati ta' dawn l-interazzjonijiet huma mqassra hawn taħt:

L-AED amministrata flimkien miegħu	Il-konċentrazzjoni tal-AED	Il-konċentrazzjoni ta' Topamax
Phenytoin	↔ **	↓
Carbamazepine (CBZ)	↔	↓
Valproic acid	↔	↔

Lamotrigine	↔	↔
Phenobarbital	↔	NS
Primidone	↔	NS

↔ = L-ebda effett fuq il-konċentrazzjoni fil-plasma (bidla ta' ≤ 15%)

\*\* = Żiediet fil-konċentrazzjonijiet tal-plasma f' pazjenti individwali

↓ = Tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tal-plasma

NS = Ma ġiex studjat

AED = Mediċina kontra l-epilessija

### Intreazzjonijiet ma' prodotti mediciinati oħra

#### *Digoxin*

Fi studju b'doża waħda, l-erja ta' taħt il-kurva tal-konċentrazzjoni ta'digoxin fil-plasma (AUC) naqas bi 12% imħabba l-għoti konkomitanti ta' Topamax. Ir-rilevanza klinika ta' din l-osservazzjoni ma ġietx stabbilita. Meta Topamax jiżdied jew jitwaqqaf f'pazjenti li qeqħdin fuq kura ta' digoxin, għandha tingħata attenzjoni lill-monitoraġġ regolari ta'digoxin fis-serum.

#### *Depressanti tas-CNS*

Amministrazzjoni konkomitanti ta' Topamax u alkoħol jew prodotti mediciinati oħra li jiddepressaw is-CNS ma ġewx evalwati fi provi kliniċi. Huwa rrakkommendat li Topamax ma jiġix użat flimkien ma' l-alkoħol jew ma' prodotti mediciinati oħra li jiddepressaw is-CNS.

#### *St John's Wort (Hypericum perforatum)*

Riskju ta' konċentrazzjonijiet imnaqqsa fil-plażma li jwasslu għal telf ta' effikaċja jistgħu jiġu osservati bl-għoti flimkien ta' topiramate u St John's Wort. Ma kien hemm l-ebda studji kliniċi biex jevalwaw il-possibiltà ta' din l-interazzjoni.

#### *Kontraċettivi orali*

Fi studju ta' azzjoni farmakokinetika reċiproka f'voluntiera b'saħħithom li ngħataw b'mod konkomitanti prodott kontraċettiv orali li kien fih 1 mg norethindrone (NET) u 35 µg ethinyl estradiol (EE), Topamax mogħti fin-nuqqas ta' mediciini oħra f'dożi ta' 50 mg sa 200 mg/jum ma kienx assoċjat ma' tibdil statistikament sinifikanti fl-esponent medju (AUC) għal kull wieħed mill-komponenti tal-kontraċettiv orali. Fi studju ieħor, esponenti għal EE kien imnaqqas b'mod statistikament sinifikanti f'dożi ta' 200, 400, u 800 mg/jum (18%, 21%, u 30%, rispettivament) meta ngħata bħala kura miżjudu f'pazjenti bl-epilessija li kien qed jieħdu valproic acid. Fiż-żewġ studji, Topamax (50-200 mg/jum f'voluntiera b'saħħithom u 200-800 mg/jum f'pazjenti bl-epilessija) m'affetwax b'mod sinifikanti l-esponenti għal NET. Għalkemm kien hemm tnaqqis dipendenti mid-doża fl-esponenti għal EE f'dożi bejn 200-800 mg/jum (f'pazjenti bl-epilessija), ma kien hemm l-ebda tibdil sinifikanti dipendenti mid-doża fl-esponenti għal EE fid-dożi 50-200 mg/jum (f'voluntiera b'saħħithom). It-tifsir kliniku tat-tibdil osservati m'humiex magħrufa. Il-possibiltà ta' tnaqqis fl-effikaċja kontraċettiva u żieda fil-faċċa f'nos f'id-ċiklu għandha tkun ikkunsidrata f'pazjenti li jieħdu prodotti kontraċettivi orali kkombinati flimkien ma' Topamax. Pazjenti li qed jieħdu kontaċettivi li fihom l-estrogen għandhom jiġi mitluba jirrappurtaw kull tibdil fil-mod ta' fsada. L-effikaċja kontraċettiva tista' tonqos anke fin-nuqqas ta' fsada f'id-ċiklu.

#### *Lithium*

F'voluntiera b'saħħithom, kien osservat tnaqqis (18% għall-AUC) fl-esponenti sistemiku għal lithium meta ngħata flimkien ma' topiramate f'doża ta' 200 mg/jum. F'pazjenti b'disturb bipolari, il-farmakokinetika ta' lithium ma kinitx affettwata waqt kura b'topiramate f'dożi ta' 200 mg/jum; madankollu, kien hemm żieda osservata fl-esponenti sistemiku (26% għall-AUC) wara li ngħataw

dożi ta' topiramate sa 600 mg/jum. Livelli ta' lithium għandhom jiġu mmonitorjati meta jingħata flimkien ma' topiramate.

### *Risperidone*

Studji ta' azzjoni reċiproka bejn żewġ mediċini li saru taħt kundizzjonijiet ta' doża waħda f'voluntiera b'saħħithom u kundizzjonijiet ta' ħafna dożi f'pazjenti b'disturb bipolari, taw riżultati jixtiebhu. Meta ngħata flimkien ma' topiramate f'dożi dejjem jikbru ta' 100, 250 u 400 mg/jum kien hemm tnaqqis fl-esponent sistemiku (16% u 33% għall-AUC fl-istat fiss għad-dożi ta' 250 u 400 mg kuljum, rispettivament) ta' risperidone (mogħti f'dożi fuq medda minn 1sa 6 mg/jum). Madankollu, differenzi fl-AUC għat-total tal-parti attiva bejn kura b'risperidone waħdu u kura flimkien ma' topiramate ma kinux statistikament sinifikanti. Kien osservat tibdil minimu fil-farmakokinetika tat-total tal-parti attiva (risperidone u 9-hydroxyrisperidone) u ma kien osservat l-ebda tibdil għal 9-hydroxyrisperidone. Ma kienx hemm tibdil sinifikanti fl-esponent sistemiku tat-total tal-parti attiva ta' risperidone jew ta' topiramate. Meta topiramate żdied ma' kura b'risperidone (1-6 mg/jum) li kienet qed tittieħed digħi, kienu rrappurtati każijiet avversi b'mod aktar frekwenti minn qabel ma żdied topiramate (250-400 mg/jum) (90% u 54 % rispettivament). L-aktar effetti avversi rrappurtati b'mod frekwenti meta topiramate żdied ma' kura b'risperidone kien: ġedla tan-ngħas (27% u 12%), parestesija (22% u 0%) ) u tqalligħ (18% u 9% rispettivament).

### *Hydrochlorothiazide (HCTZ)*

Studju ta' azzjoni reċiproka bejn żewġ mediċini li sar fuq voluntiera b'saħħithom, evalwa l-farmakokinetika ta' HCTZ (25 mg q24h) u ta' topiramate (96 mg q12h) fl-istat fiss meta kien mogħtija waħidhom u flimkien. Ir-riżultati ta' dan l-istudju jindikaw li s-C<sub>max</sub> ta' topiramate żdiedet b'27% u l-AUC żdiedet b'29% meta HCTZ żdied ma' topiramate. It-tifsira klinika ta' din il-bidla m'hijiex magħrufa. Iż-żieda ta' HCTZ ma' kura b'topiramate tista' tkun tinhieg aġġustament tad-doża ta' topiramate. Il-farmakokinetika ta' HCTZ fl-istat fiss ma kinitx influwenzata b'mod sinifikanti bl-għoti ta' topiramate flimkien miegħu. Riżultati kliniċi tal-laboratorju indikaw tnaqqis fil-potassium tas-serum wara li ngħata topiramate jew HCTZ, li kien akbar meta HCTZ u topiramate ingħataw flimkien.

### *Metformin*

